MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1207/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Josephine Sant - I.D. 112357M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,000.97c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21434080 liema servizz gie nstallat fil-fond 59/3, Conservatory Street, Floriana.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenuta Josephine Sant, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,000.97c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------